MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Avviz Numru. 134/2012

**Fl-atti tar-rikors 181/2011 fl-ismijiet**

**Carmel Cauchi**
**(533454M)**

**vs**

**Geomike Limited (C 8820) u John Cauchi (101257M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ippresentat mis-socjeta Geomike Limited fis 16 ta' April 2012 fejn huwa ghamel referenza ghal kawza fl-ismijiet 'Carmel Cauchi vs Geomike Limited u John Cauchi' deciza fit 8 ta' Gunju 2011 fejn il-Qorti ordnat lis-socjeta Geomike Limited sabiex thallas lill Carmel Cauchi is-somma ta' €5,366.77 filwaqt illi liberat mill-osservanza tal-gudizzju lill John Cauchi. Is-socjeta rikorrenti saqhet illi hija qatt ma kienet notifikata bil-proceduri li kienu qed isiru kontra taghha u s-sentenza kienet ibbazata fuq stqarrija falza ta' John Cauchi li stqarr illi kien partner mis-socjeta rikorrenti u, bhala direttur tas-socjeta, kien kuntent bix-xoghol illi ghamel Carmel Cauchi. Ghalhekk, is-socjeta rikorrenti talbet ir-ritrattazzjoni tal-kawza peress illi s-sentenza ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet kif ukoll kienet ibbazata fuq zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kaz, liema fatti kienu bazi ghal ritrattazjoni a tenur ta' l-Artikolu 811 (a) u (l) rispettivament.

Rat ir-risposta ta' John Cauci ippresentata fid 19 ta' Gunju 2012 fejn sahaq illi t-talba ghar-ritrattazzjoni kellha tigi michuda peress illi ma kien hemm ebda qerq da' parte ta' John Cauchi stante illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn man-notifika tas-socjeta rikorrent filwaqt illi ma kien hemm ebda zball li wasslet lill-Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz kontra s-socjeta rikorrenti, peress illi l-Qorti ghamlet l-apprezzament u l-interpretazzjoni taghhha tal-fatti li huma insindakabbli u mhux soggett ghal ritrattazzjoni.

Rat ir-risposta ta' Carmel Cauchi ippresentata fis 26 ta' Gunju 2012 fejn sahaq illi t-talba ghar-ritrattazzjoni kellha tigi michuda peress illi  ghalkemm is-socjeta rikorrenti qieghda

tghid illi hija qatt ma kienet notifikata bil-proceduri, it-talba tar-ritrattazzjoni ma saritx abbazi ta' l-Artikolu 811 (b) izda saret abbazi ta' provvedimenti ohra li ma jikkontemplawx in-nuqqas ta' notifika bhala bazi ta' ritrattazzjoni. Sahaq ukoll illi t-talba ta' ritrattazzjoni abbazi ta' l-Artikolu 811 (l) hija perenta bit-trapass tat-tlett xhur.

Rat illi fl-10 ta' Dicembru 2012 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process 181/11 CSH.

Rat illi s-socjeta rikorrenti ghalqet il-provi fl-10 ta' Dicembru 2012 billi strah fuq id-dokumentazzjoni ppresentata

Semghet ix-xhieda ta' **Carmen Scerri Lautier**, rappresentanta tal-Maltapost, mogthija fis 17 ta' Mejju 2013 u fl-1 ta' Lulju 2013

Semghet ix-xhieda ta' **Mary Grace Farrugia**, pustiera mal-Maltapost, moghtija fis 17 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda tal-purtier **Nazzareno Spiteri** moghtija fil 21 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fid 29 ta' Novembru 2013 l-intimat John Cauchi iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Carmel Cauchi** moghtija fit 3 ta' Frar 2014.

Rat illi fit 3 ta' Frar 2014 l-intimat Carmel Cauchi iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet moghtija fl-14 ta' Marzu 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti kif ukoll il-verbal maghmul mis-socjeta rikorrenti fl 4 ta' Frar 2013 "l-bazi ta' l-azzjoni (tas-socjeta rikorrenti) hija dovuta ghall-fatt li l-pustiera innotifikat lis-socjeta ritrattandi fl-istess indirizz ta' l-intimat" (vide fol 45)

Jirrizulta ben ippruvat, anke mix-xhieda ta' l-istess pustiera Mary Grace Farrugia moghtija fis 17 ta' Mejju 2013, illi r-riferta tas-socjeta rikorrenti ghall-proceduri mibdija minn Carmel Cauchi permezz ta' rikors Nru 181/11 u li jidhru a fol 8 (tergo) tal-process relattiv, ma gietx notifikata fl-indirizz tas-socjeta rikorrenti gewwa Marsascala, izda giet notifikata gewwa Hal-Luqa, f'idejn omm ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, ossija Maria Cauchi.

Hija ghalhekk inkomprensibbli kif is-socjeta rikorrenti, li ffukat il-provi kollha fil-proceduri odjerni u sahansitra ivverbalizzat il-bazi tat-talba taghha, naqqset milli tinvoka, bhala wahda mill-bazi tar-ritrattazzjoni da' parte taghha, l-Artikolu 811 (b) li tirrigwarda l-argument li "ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa" u minflok ibbazat it-talba taghha fuq l-Artkolu 811 (a) li tikkontempla sitwazzjoni "fejn is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq" kif ukoll ful-Artikolu 811 (l) li tikkontempla sitwazzjoni fejn sentenza "kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokument tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anthony Aquilina vs Avv Anthony H Farrugia et**" deciza fis 16 ta' Frar 2004, l-istitut ta' ritrattazzjoni:-

> *... huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju <u>ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi</u>. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et gie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi– prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan- negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*
>
> *Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et** b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall- principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il- kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il- gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il- gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur....Minn dak li ntqal isegwi li <u>r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar- ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima</u> (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat- tielet istanza (Koll Vol.XLIII - I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi.*"

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, kif gia indikat aktar 'l fuq, is-socjeta rikorrenti talbet ir-ritrattazzjoni peress illi s-sentenza giet ottjenuta fuq bazi ta' qerq (811 b) u minhabba fi zball li jidher mill-atti (811 l).

Mill-provi prodotti, madanakollu, ma giex ippruvat illi s-sentenza giet ottjenuta rizultat ta' qerq. Di fatti, ma jidirx mill-atti processwali illi kien hemm xi qerq da' parte ta' l-intimati

sabiex tali sentenza tigi ottjenuta. Anke kieku is-socjeta rikorrenti kienet qieghd tallega li, b'xi mod, l-intimati kien ghamlu mezz sabiex is-socjeta rikorrenti ma tkunx notifikata, harsa lejn l-atti processwali tal-kaz meritu tar-ritrattazzjoni, a fol 8, juri illi attwalment l-intimat Carmel Cauchi kien indika l-indirizz tas-socjeta rikorrenti gewwa Marsascala, kif suppost, u jidher illi kien biss rizultat ta' xi zball amministrattiv li tali notifika sehhet gewwa Luqa. Ghalhekk, qerq ma jidhirx illi gie ippruvat.

Dwar il-kwistjoni ta' zball, il-Qorti tinnota illi mill-atti processwali, imkien ma jidher illi kien hemm xi zball illi seta b'xi mod wassal lill-Qorti sabiex taghti s-sentenza illi issa qieghda tigi kkontestata. L-unika zball illi semmiet is-socjeta rikorrenti u li fuqha ibbazat l-argumentazzjoni taghha kien illi l-intimat John Cauchi iddikjara ili huwa kien partner fis-socjeta konvenuta mentri, fil-fatt, ma jidhirx illi dana huwa minnu. Tali fatt, ghalkemm intera li ma kienx minnu, minnu inniffsu ma huwiex zball li jidher mill-atti jew dokumenti fil-kawza u, aktar u aktar, ma jidhirx illi kien xi zball illi seta jwassal ghas-sentenza li qieghda tikkontesta s-socjeta rikorrenti. Apparti minn hekk, il-fatt illi John Cauchi iddikjara illi, bhala Direttur tas-socjeta rikorrenti, kien kuntent bix-xoghol ta' l-intimat l-iehor Carmel Cauchi, ma jistqx jitqies bhala fatt li kienet zbaljata u li kellha effett fuq il-kawza, peress illi l-fatt indikat minn Carmel Cauchi kien punt ikkontestat illi kellu jigi deciz mill-Qorti u ghalhekk ma huwiex sindakabbli bl-istitut tar-ritrattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Kif ben irrilevat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq riferuta, l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju li, gahlhekk, ghandu jigi interpretat bl-aktar mod restrittiv possibbli.

Huwa abbazi ta' dan illi dina l-Qorti, ghalkemm gie ippruvat illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx notifikata bl-atti tal-kawza 181/11 CSH, ma tistax tilqa t-talba tar-ritrattazzjoni, peress illi s-socjeta rikorrenti naqqset milli tindika, bhala wahda mir-ragunjiet fit-talba promotur taghha, li r-ritrattazzjoni kellha ssir peress illi ir-rikors ma giex notifikat lill-parti telliefa, ossija lis-socjeta rikorrenti, u il-Qorti hija prekluza milli tqajjem tali bazi, kif pprovdut fl-Artikolu 811 (b), minn rajha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u sermghet ix-xhieda

Wara illi rat l-atti processwali tal-kawza 181/2011 fl-ismijiet **Carmel Cauchi vs Geomike Limited u John Cauchi**,

Taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimati John Cauchi u Carmel Cauchi u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------